TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/106/11/S

Maria Cini u Mary Louise Cini
Vs
Mondial/SMS Travel ossia Orange Travel Group

Illum 16 ta'Marzu,2011.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Maria Cini u Mary Louise Cini datata 16 ta'Frar,2011 u r-risposta tas-socjeta Mondial/SMS Travel datata 7 ta'April,2011;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fit-2 ta'Frar,2012;

Ra ukoll in-nota fejn gie dikjarat li Orange Travel Group hi s-socjeta intimata u dan kif obbliga ruhu li jaghmel is-Sur Muscat fis-seduta tas-17 ta'Gunju,2011;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment waqt 'tour' fejn inghataw zewgt ikmamar bhal fuq il-'cruise' meta skont ir-rikorrenti ma kinux inghataw tali informazzjoni;

Illi l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda l-akkomodazzjoni fil-lukandi u mhux dik fuq il-'cruise' ghax ikkontendew illi filwaqt li kienu jafu bl-arrangamenti fuq il-'cruise', ma jistax jinghad l-istess ghall-lukandi;

Illi fil-fatt ir-rikorrenti sostnew li f'ebda mument ma gew infurmati mill-intimati li l-akkomodazzjoni fil-lukanda kienet se tikkonsisti f'zewgt ikmamar ghal 8 persuni;

Illi skont l-istess rikorrenti, kieku kienu jafu b'dan l-arrangament tal-lukanda, huma kienu jibdlu l-'booking';

Illi min-naha taghhom l-intimati ikkonfermaw li meta irrangaw biex ir-rikorrenti jkollhom arrangement differenti fl-akkomodazzjoni tal-lukanda, ir-rikorrenti rega' bdielhom u m'accettawx minhabba z-zieda li kellhom ihallsu;

Illi huwa ovvju li tipi ta' kmamar differenti ghandhom prezzijiet differenti pero dak li jrid jiddeciedi dan it-Tribunal hu jekk kienx hemm xi nuqqas daparti tal-intimati,

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

anki ta' informazzjoni, li seta' wassal lir-rikorrenti jordnaw haga u jinghataw xi haga differenti;

Illi anki r-rikorrenti ghandhom l-obbligi taghhom u f'ebda hin ma saret il-prova li saqsew fuq l-akkomodazzjoni tal-lukanda u li inghataw informazzjoni differenti minn dak li imbaghad sabu fuq il-post;

Illi min-naha l-ohra, huwa dejjem l-obbligu ta' min qed joffri servizz jew ibiegh xi haga, li jaghti kull informazzjoni importanti li konsumatur ghandu bzonn biex jaghmel ghazla infurmata;

Illi fil-'brochure' li jaghti hafna dettalji fuq il-mawra offruta, setghet facilment tinghata informazzjoni fuq l-akkomodazzjoni fil-lukandi kif inghatat fuq l-akkomodazzjoni fuq il-vapur;

Illi ghalkemm it-talba rikorrenti hi ghal €350, ma saritx prova dwar kif ir-rikorrenti waslu ghal dan l-ammont;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' in parte it-talba ta' Maria Cini u Mary Louise Cini u Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Mondial Travel ossia Orange Travel Group fejn hu inkompatibbli ma' dak deciz filwaqt li Jordna lis-socjeta Orange Travel Group thallas lir-rikorrenti Maria Cini u Mary Louise Cini f'daqqa s-somma ta' €125, stabbilita *ex aequo et bono*, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jigu sopportati unikament mis-socjeta Orange Travel Group.

Richard Sladden Av.
Arbitru